Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 17 t'Ottubru 2024**

**Kump. Nru. 341/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**Versus**

**Damien Cesare**
**(116798M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Damien Cesare**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 116798M.

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Mejju 2018 ghall-habta tal-2.15hrs u hin wara gewwa 1B, Sur Santa Liena, Bormla u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi jew fis-sahha ta' Chanel Vella hekk kif iccertifika Dr Thomas Armathis MD reg. 2785 mill-Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hebb kontra Chanel Vella sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Chanel Vella ingurji jew thddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurjaha b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

4. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

5. U aktar talli saq vettura bil-mutur tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni JBO-076 minghajr licenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja, jew saq b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 12 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) presjeduta mill-Magistrat Dr Coppini LL.D. u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrinkaza gewwa r-residenza tieghu bejn l-22.00hrs u 06.00hrs u kif ukoll li ma jikkommettix reat iehor waqt li jkun mehlus mill-arrest.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser Ordni ta' Probation (art.7 u 22 tal-Kap. 446) datata 5 ta' Awwissu 2016 mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr D Frendo Dimech LL.D.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Chanel Vella garanzija taht artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skont artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-imsemmi Damien Cesare jibqa' jinzamm arrestat. Kif ukoll tordna li s-somma ta' elf (1,000 Ewro) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fis-17 ta' Mejju 2023, (esebiti *a fol*. 330 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(e), 216(2), 217, 218(2), 221(2)(3), 222(1)(a) u 222A((2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 15(1)(a)(b)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 21 u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 18, 28A(7)(c), 31, 338(dd), 339(1)(d)(e), 341, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 412D, 579(1)(2)(3)(4) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2023, l-imputat wiegeb li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat u semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 31, 202(h)(iv), 214, 215, 216(1)(b), 218(1)(b), 222(1)(a), 338(dd), 339(1)(d)(e) u 579(2) tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 u Artikolu 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Damien Cesare hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-hati **Damien Cesare** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **Damien Cesare** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Damien Cesare. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti, b'żieda għall-piena qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal zmien tmien (8) t'ijiem mill-lum.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **Damien Cesare b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Chanel Vella**. Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Chanel Vella ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Damien Cesare** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-2lum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* **Chanel Vella.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed tordna lill-hati Damien Cesare sabiex ihallas is-somma ta' erba' mija u tlieta u disghin Euro u tletin centezmu (€493.30) bhala spejjez peritali.**

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**